TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 59/22/F

**Christabel Martha Vella Vasovic**

**vs**

**KREA (Vivendo Retail Limited)**

Illum, 13 ta' Frar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-25 ta' April 2022;

Ra li minkejja li l-azjenda intimata ġiet notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smiegħ nhar is-6 ta' Mejju 2022, hija naqset milli tippreżenta Risposta u milli tidher fl-udjenza;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' €200 rappreżentanti dak li fil-fehma tagħha huwa kumpens ġust għal sett ta' kxaxen difettużi li kienu parti minn ordni akbar ta' sett ta kamra tas-sodda b'valur komplessiv ta' €667.12.

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrenti spjegat illi hija kienet ordnat sett għamara tal-kamra tas-sodda mingħand l-azjenda intimata, liema għamara ġiet installata fir-residenza tagħha fil-5 ta' Ottubru 2020. Il-kxaxen in kwsistjoni bdew jagħtuha l-problemi f'Settembru 2021 u meta hija kellmet lill-azjenda intimata dwar dan, ġiet infurmata li l-kxaxen m'humiex koperti b'garanzija. Tkompli tgħid li

sorprendentement, ir-rappreżentant tal-azjenda intimata qalilha li l-kxaxen kienet kissrithom hi u dan mingħajr ma qatt kienu ġew spezzjonati!

Illi t-Tribunal jifhem li bil-mod kif hija postulata l-azzjoni, ir-rimedju prospettat mir-Rikorrenti huwa sabiex hija sabiex tiġbor lura parti mill-prezz imħallas minnha għall-kamra tas-sodda minħabba li hemm sett kxaxen difettużi, ossija l-hekk imsejjħa *actio aestimatoria*;

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed titlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħha bħala Konsumatur;

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi;

Illi intant, bis-silenzju tagħha, is-soċjetà intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet;

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' €200 magħmula mir-Rikorrenti fir-rigward tas-sett tal-kxaxen hija verosimili u ġusta u għalhekk, tistoqq akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' mitejn Euro (€200.00) rappreżentanti tnaqqis mill-valur tas-sett tal-kamra tas-sodda in kwistjoni.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***